MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Numru. 476/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Paolo Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Paolo Azzopardi ta’ 60 sena, bin Anthony u Antonia nee’ Said, imwieled gewwa r-Rabat Malta nhar it-12 ta’ Frar, 1954, residenti gewwa l-fond St

Paul, Tas-Salib limiti tar-Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 137854(M) :

Akkuzat talli fil-31 ta' Marzu, 2014 ghall-habta tas-6:30 ta' filghodu, gewwa s-sit maghruf bhala Tas-Salib li jinsab gewwa l-limiti tar-Rabat Malta:-

1. Bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antonio Bugeja wera dan il-hsieb billi b' atti esterni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi ta diversi daqqiet b' oggett iebes u cioe' b' gebla mdaqqsa lill-istess Antonio Bugeja, u li liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-Artikli 41(1)(a), 214, 215 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb u kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Antonio Bugeja u dan skond ma ccertifika Dr Julian Grima M.D. (Reg. No. 3589) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u dan bi ksur ta' l-Artikli 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b' ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi hebb ghal Antonio Bugeja sabiex jingurjah, idejqu jew sabiex

jaghmillu l-hsara, u dan bi ksur tal-Artiklu 339(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u hedded lil Antonio Bugeja b’ mod li hareg barra mill-limiti ta’ provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna/i offizi u l-familjari taghhom, jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’ kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna/i offizi ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-16 t’ Ottubru, 2014 ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni u d-Difiza jiddikjaraw li l-incident mertu ta’ din il-kawza hija retroxena ta’ pendenzi civili bejn it-tifel ta’ l-imputat u l-familjari tieghu, retroxena li llum hija rizolta.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 221, 338(dd), 339(1)(d)(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat Paolo Azzopardi b’ obbligazzjoni personali ghal zmien

tnax (12) -il xahar millum taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Antonio Bugeja u lil familja tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------